MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-22 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 391/2005

**Form Limited (C 3516)**

**Vs**

**Nadine Pace Wismayer (ID nru 367203 L)**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in ezami li bih s-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' elf seba' mija wiehed u erbghin lira Maltija (Lm 1,741) bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilek mibjugha u kkonsenjata u sad-data tal-avviz mhux imhallsa, flimkien ma l-imghax mit-tmintax (18) ta' Marzu 2005 data tal-fattura, bl-ispejjez kollha inkluzi tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju numru 1386/05 CC, kollox kontra taghha. Il-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat dak verbalizzat waqt is-seduta tad-9 ta' Novembru 2005 (fol 12 tal-atti) minn fejn jirrizulta illi, l-konvenuta, fil-mori ta' din il-kawza hallset l-ammont ta' Lm1541.00 mis-sorte.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi mix-xhieda ta' Dottor Philip Galea, moghtija llum stess, jirrizulta illi l-konvenuta, debitament notifikata skond l-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fadal li thallas bilanc ta' Lm200 lis-socjeta' attrici, liema ammont ghadu dovut sal-lum.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm200 bl-imghax legali mid-data tal-mandat kawtelatorju ta' qbid numru 1386/05CC imsemmi fl-avviz sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-istess mandat kawtelatorju ta' qbid.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------